SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 24/KA2/16

24 ta' Novembru 2016

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrativ tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa - Viċi Ċermen
Maria Dolores Falzon – Membru
Joe Oliva - Membru
Guido Dalli - Sindku

**Assenti b' Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Il-Membru Richard Scicluna nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma jistgħax jattendi għal laqgħa għalhekk ġie skużat.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

24.1.01 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

24.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 23/KA2/16 għall-approvazzjoni.

24.02.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

24.02.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

24.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**24.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

24.3.01 Il-Membru Joe Oliva ppreżenta ittra b'diversi talbiet (Ara Appendiċi 'A').

Iċ-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv taw spegazzjoni lill-Membru Joe Oliva dwar dawn it-talbiet. Fir-rigward it-talba tal-arblu, L-Membru Joe Oliva ġie nfurmat li l-MSD ser jagħmlu x-xogħolijiet fil-lokalita' kollha peress li bħalissa għadhom qed jiġu rranġati l-ħsarat wara l-maltempata filwaqt li l-Pulizija ser tiġi nfurmata dwar il-każ ta' Bellini Restaurant. Madanakollu risposta ghal-ittra tiegħu ser tintbagħat bil-posta.

24.3.02 Il-Membri ġew infurmati li ser issir laqgħa mal-Middle Sea Insurance peress li saret proposta li jerġgħu jsiru ż-Zebra Crossings tal-lokalita' min-naħa tagħhom.

24.3.03 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat *reminder* lis-Sur Silvio Scerri filwaqt li Transport Malta jiġu nfurmati li mhux qed jaċċettaw it-

talba li Taxi Stands jimxu fi Triq Ross kantuniera ma Triq San Ġorġ.

24.3.04 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-Supretendent D'Anasatas fejn jiġi mitlub li jitneħħew is-*Sandwich Boards* li jinsabu fi Triq Ross kantuniera ma Triq San Ġorġ peress li qed ikunu ta' ostaklu għall-pubbliku.

## 24.04 Korrispondenza

Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P405 Email mingħand is-Sinjura Jo Ann Camilleri dwar id-direzzjoni ta' traffiku fi Triq Spinola u Triq il-Knisja.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P405**

24.4.01 B'riferenza għal-korrispondenza mingħand is-Sinjura Jo Ann Camilleri dwar id-direzzjoni ta' traffiku fi Triq Spinola u Triq il-Knisja ġie deċiż unanimament li s-Sinjura Camilleri tiġi nfurmata li din it-talba ġiet irrifjutata min-naha ta' Transport Malta, filwaqt li diga saru xi tibdliet fis-sinjali tat-toroq fl-imsemmija triq.

## 24.5 *Submission* fuq il-Master Plan ta' Paceville

24.5.01 Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ġew nfurmati li d-*deadline* tas-*submission* ġie estiż sa 9 ta' Diċembru 2016.

24.5.02 Il-Membru Joe Oliva ppreżenta ittra ta' deplorazzjoni għal dak li ġara waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan meta ġie diskuss l-Master Plan ta' Paceville (Ara Appendiċi 'B').

24.5.03 Wara diskussjoni qasira ġie kkjarifikat x'ġara waqt l-imsemmija laqgħa.

## 24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets*

24.6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P460 sa nru. P464 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ')

24.6.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

24.6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondat.

24.6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

24.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

24.7.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

24.7.03 Il- Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

24.7.04 Iċ-Ċermen ssekondah.

24.7.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**24.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.8.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgha 17 ta' Jannar 2017 fl-4.00p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Jannar 2017

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**